**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Carlos Cordina]**
**[Spettur Robert Vella]**

**vs**

**Sean Micallef**

**Kumpilazzjoni Numru: 397/16**

**Illum, 12 ta' Marzu, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Sean Micallef detentur tal-karta tal-identita` numru 271593M.

Akkuzat talli:

**1.** bejn it-02 u it-03 ta' Jannar, 2016 ikkommetta serq ta' flus u/jew oggetti ohra minn gewwa l-istabbiliment maghruf bhala 'Steve Stationery' sitwat gewwa Triq Anton Buttigieg, Hamrun, liema serq sar ghad-dannu ta' Stephen Galea u/jew ta' xi persuna/i; u/jew ta' xi entita', u/jew entitajiet ohra, u liema serq uwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

**2.** u aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija ta' izjed minn mitejn u hamsin euro (€250) izda ma tiskorrix elfejn u hames mitt euro (€2,500) u li saret ghad-dannu ta' Stephen Galea u/jew ta' persuna/i, u jew ta' xi entita', u/jew entitajiet ohra;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkotemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Rat illi l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tal-elfejn u sittax (2016) u dan meta kienu ghadhom kif inbdew il-proceduri u fejn ikkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jahsibha;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputat, flimkien mal-ammissjoni, talab illi jsir *Pre-Sentencing Report* minn *Probation Officer*;

Rat il-*Pre-Sentencing Report* redatt mill-*Probation Officer* Rhona Custo' datat tlettax (13) ta' Marzu elfejn u sbatax (2017) fejn hija kkonkludiet is-segwenti:

***"L-izjed fattur li spikka matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport kien l-abbuz tad-droga ta' Sean Micallef li jidher li kkaratterizza b'mod radikali l-hajja tal-imputat. Huwa ilu jabbuza mid-droga minn meta kellu 15-il sena. Dan jidher li wassal biex l-imputat beda jiftah hafna kazijiet il-Qorti li wasslu anke ghal sentenzi ta' priguneriја.***

***Minkejja l-eta' zghira tieghu, Sean Micallef ghandu fedina penali pjuttost twila bi storja ta' sanzjonijiet fil-komunita' u sentenzi karcerarji specjalment dawk relatati ma' akkuzi ta' serq. Huwa wkoll recidiv diversi drabi.***

***Jidher car li minkejja li l-imputat inghata diversi opportunitajiet mill-Qorti sabiex jirriabilita' ruhu, huwa qatt ma ndirizza l-problema tad-droga b'mod konkret. Huwa kien f'kuntatt mal-Agenzija Sedqa, izda minkejja li kien hemm pjanijiet sabiex huwa jibda programm residenzjali, dawn dejjem sfaxxaw fix-xejn,***

***Matul l-Ordni ta' Supervizjoni li huwa kellu, Sean ftit li xejn ikkopera mal-Ufficjal tal-Probation u minkejja li ghamel ftit taz-zmien clean huwa dejjem rega' rrikorra ghall-uzu tad-droga. Dan wassal sabiex huwa jerga' jiftah kazijiet godda u jinstab anke hati li kiser din l-Ordni ta' Supervizjoni annessa ma' Sentenza Sospiza.***

***Prezentement Sean Micallef jishaq li jixtieq jindirizza l-problema tad-droga, madanakollu l-attitudni tieghu tixhed mod iehor. Huwa***

***ftit li xejn jerfa' responsabilita' tal-agir tieghu u minkejja li jammetti li jizbalja dejjem isib skuzi ghaliex jew iwahhal f'terzi persuni ghaliex huwa jaghmel decizjonijiet zbaljati. Dan ma jirriflettix verament attitudni ta' xi hadd li jaghraf in-nuqqasijiet tieghu.***

***Minn kuntatt li sar mal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin jirrizulta li anke minn gewwa l-habs, Sean inghata hafna opportunitajiet sabiex jirriforma, madanakollu huwa qatt m'gharaf jisfrutta l-ghajnuna li kien jinghata. Jidher li matul is-sentenzi, Sean kellu l-ghajnuna ta' diversi professjonisti izda l-attitudni tieghu kienet wahda problematika.***

***Pjan ta' Kura***

***Matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport hareg car li hemm bzonn li Sean Micallef jibqa' jinghata ghajnuna fuq elementi psikologici, specjalment dawk relatati ma' attitudni u sens ta' responsabilita' fir-rigward tal-agir tieghu. Ikun ta' beneficcju wkoll ghall-imputat li jibda u jtemm b'success programm ta' riabilitazzjoni residenzjali izda dan ma jistax isehh qabel ma huwa jkun qieghed jiskonta l-ahhar sena ta' prigunerija.***

***Rakkomandazzjoni***

***Ghaldaqstant, qed jigi umilment rakkomandat lil din l-Onorabbli Qorti li Sean Micallef jinghata piena ta' prigunerija effettiva, fejn f'dan il-perjodu jekk kemm-il darba l-imputat juri motivazzjoni, ikun jista' jinghata l-opportunita' li jsegwi programm ta'***

***riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Dan ghaliex minkejja li huwa diga' nghata diversi opportunitajiet min-naha tal-Qorti sabiex jirriabilita' ruhu permezz ta' sanzjonijiet fil-komunita', m'gharafx jisfrutta l-opportunitajiet tant li rega' rrepeta l-agir tieghu f'dan il-kaz odjern".***

Illi l-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet u r-rakomandazzjonijiet tal-Ufficjal tal-Probation u wara li rat anke l-fedina penali tal-imputat u l-agir tieghu li ma jifhimx l-import ta' pieni li ma jikkomprendux prigunerija effettiva, mela l-unika triq ghall-imputat hija effettivament piena ta' prigunerija fejn minn hemm huwa ghandu juza dan iz-zmien sabiex jirrifletti bis-serjeta' x'direzzjoni ghandha tiehu hajtu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49 u 50, 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 267, 270, 278(3) u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Sean Micallef** hati fuq ammissjoni tieghu tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' hmistax (15)-il xahar.

Il-Qorti tordna wkoll illi ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 l-imputat Sean Micallef ihallas is-somma ta' wiehed u disghin ewro u hamsa u tletin centezmu (€91.35) fi zmien sena mil-lum naxxenti mill-inkjesta mertu ta' dawn il-procedura redatta mill-Magistrat Donatella Frendo Dimech li tinsab esebita fl-atti ta' dawn il-proceduri.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**